**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Christian Abela)**

**Vs**

**Mehari Weldegergs**
**Araya Afewerki**
**Ayman Abdalhadi**
**Amir Adam**
**Salim Ali Juma**
**Daniel Berhane**
**Redwan Bakhit Ousman Jar Alnabi**
**Mohamed Khamis Ishac Alnou**

**Illum 13 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mehari Weldegers** ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, ta' nazzjonalità Eritrejana, iben Weldegers u Saba, imwieled Gaeben, Zoba Debub, nhar is-16 ta 'Frar 1996, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija 20DD-018, ta' **Araya Afewerki** ta' ghoxrin (20) sena, ta' nazzjonalità Eritrejana, iben Afewerki u Alem, imwieled Debub nhar l-1 ta ' Lulju 2001, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija 20DD-019, ta' **Ayman Abdalhadi** ta' tmintax-il (18) sena, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Abdalhadi u Hawa, imwieled Al Fashir, Darfur, nhar is-16 ta 'Novembru 2002, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija 20H-056, ta' **Amir Adam** ta' tmintax-il (18) sena, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Amad u Amna, imwieled Al Fashir, Darfur, nhar is-27 ta 'Settembru 2002, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija 20I-030, ta' **Salim Ali Juma** ta' sittax-il (16) sena, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Ali u Fatima, imwieled Merlay, Darfur, nhar it-8 ta 'Settembru 2004, residenti Dar Liedna, Fgura, u detentur tan-numru tal-Pulizija 20HH-065, ta' **Daniel Berhane** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, ta' nazzjonalità Eritrejana, iben Berhane u Festa, imwieled Gasr-Barka Region nhar l-1 ta 'Jannar 2000, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija

20N-058, ta' **Redwan Bakhit Ousman Jar Alnabi** ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Bakhit Ousman u Mariam, imwieled Darfur nhar id-19 ta 'Marzu 1996, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulizija 20O-040, u ta' **Mohamed Khamis Ishac Alnour** ta' ghoxrin (20) sena, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Khamis u Mounia, imwieled Al Qadarif nhar il-5 t'Ottubru 2001, residenti Hal Far Tent Village u detentur tan-numru tal- Pulizija 20Z-309, talli fil-5 ta' Lulju 2021 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellhom fil-pussess taghhom dokumenti mahruga minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferew dawn id-dokumenti lil persuni ohra jew ircevew dokumenti li gew ittrasferiti lilhom minn persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn dokumenti mahruga lil persuni ohra, cioè dawk diga' msemmija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

U lil **Araya Afewerki** wahdu talli:

4. Ikkommetta rat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u dan fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti datata 19 ta' Settembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; u
5. Sar recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi ikkommetta reat wara sentenza li saret definittiva.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni: (1) Fir-rigward ta' l-imputat **Mehari Weldegergs**: (a) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "A"; (b) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tas-Senegal - Dok. "B"; (c) *Personal details forms* - Dok. "C" u Dok. "D";(d) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "E"; (e) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "F"; (f) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "G"; (2) Fir-rigward ta' l-imputat **Araya Afeweki**: (g) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "H"; (h) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tal-Gambia - Dok. "I"; (i) *Personal details forms* - Dok. "J" u Dok. "K"; (j) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "L" u (k) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "M"; (3) Fir-rigward ta' l-imputat **Ayman Abdalhadi:** (l) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "N"; (m) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tal-Gambia - Dok. "O"; (n) Rapid antigen test result - Dok. "P"; (o) *Personal details forms* - Dok. "Q" u Dok. "R"; (p) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "S"; (q) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "T"; (r) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "U"; (4) Fir-rigward ta' l-imputat **Amir Adam:** (s) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "V"; (t) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tal-Gambia - Dok. "W"; (u) *Personal details forms* - Dok. "X" u Dok. "Y"; (v) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "Z"; (w) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "Za"; (x) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "Zb"; (5) Fir-rigward ta' l-imputat **Salim Ali Juma**: (y) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "A1"; (z)

Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika ta' Sierra Leon - Dok. "B1"; (aa) *Personal details forms* - Dok. "C1" u Dok. "D1"; (bb) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "E1"; (cc) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "F1"; (dd) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "G1"; (6) Fir-rigward ta' l-imputat **Daniel Berhane**: (ee) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "H1"; (ff) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tal-Gambia - Dok. "I1"; (gg) *Personal details forms* - Dok. "J1" u Dok. "K1"; (hh) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "L1"; (ii) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "M1"; (jj) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "N1"; (7) Fir-rigward ta' l-imputat **Redwan Bakhit Ousman Jar Alnabi:** (kk) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "O1"; (ll) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tal-Gambia - Dok. "P1"; (mm) *Personal details forms* - Dok. "Q1" u Dok. "R1"; (nn) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "S1"; (oo) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "T1"; (pp) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "U1"; (8) Fir-rigward ta' l-imputat **Mohmaned Khamis Ishac Alnour:** (qq) Karta ta' l-Identità mahruga mill-Awtoritajiet Taljani - Dok. "V1"; (rr) Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tal-Gambia - Dok. "W1"; (ss) *Personal details forms* - Dok. "X1" u Dok. "Y1";(tt) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "Z1"; (uu) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat ghall-jedd tal-parir legali - Dok. "Z1a"; u (vv) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "Z1b";

Rat li l-imputati kollha rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jerggħu lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-**imputati kollha flimkien** qed jigu akkuzati talli fil-5 ta' Lulju 2021 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer: (1) Kellhom fil-pussess taghhom dokumenti mahruga minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferew dawn id-dokumenti lil persuni ohra jew ircevew dokumenti li gew ittrasferiti lilhom minn persuni ohra, u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (2) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn dokumenti mahruga lil persuni ohra, cioè dawk diga' msemmija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta; u (3) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat **Araya Afewerki** wahdu qed jigi akkuzat talli: (4) Ikkommetta rat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija, u dan fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti datata 19 ta 'Settembru 2020, liema sentenza saret definittiva u

ma tistax tigi mibdula; u (5) Sar recediv ai termini ta 'l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi kkommetta reat wara sentenza li saret definittiva.

L-imputati lkoll wiegbu li huma hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibhom ilkoll hekk hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha deddoti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati kollha rregistraw ammissjoni bikrija, li l-imputat Salim Ali Juma huwa minorenni, li l-imputati Ayman Abdalhadi u Amir Adam ghandhom tmintax-il (18) sena u li l-imputati Ayman Abdalhadi, Amir Adam, Salim Ali Juma, Redwan Bakhit Ousman u Mohamed Khamis Ishac Alnour ikkooperaw mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti:

1. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31 u 37(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat **Salim Ali Juma** hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, tikkundannah ghall-perijodu ta 'xahrejn (2) prigunerija effettiva;
2. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttienni li qed issib lill-imputati **Ayman Abdalhadi**, **Amir Adam, Redwan Bakhit Ousman Jar Alnabi** u **Mohamed Khamis Ishac Alnour** hatja, fuq ammissjoni taghhom, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, tikkundannhom ghall-perijodu ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva kull wiehed;
3. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttienni li qed issib lill-imputati **Mehari Weldegers** u **Daniel Berhane** hatja, fuq ammissjoni taghhom, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, tikkundannhom ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva kull wieħed; u
4. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Liġijiet ta 'Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat **Araya Afewerki** hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, tikkundannah ghall-perijodu ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva, **u** wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn anke l-imputat **Araya Afewerki** ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ma tkunx haga gusta li taghmel ordni fil-konfront ta' l-imputat **Araya Afewerki** ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant minflok qed tibdel l-ordni originali maghmul bis-sahha ta' l-Artikolu 28A(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Clarie Stafrace Zammit fid-19 ta' Settembru 2020 fil-konfront ta' Araya Afewerki, u flok il-perijodu operattiv hemm specifikat qed timponi perijodu operattiv ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputati bid-dritt taghhom li jinghataw kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhmu. L-imputati

Mehari Weldegers, Araya Afewerki u Daniel Berhane jiddikjaraw li jixtieqÚ kopja tas-sentenza bil-lingwa Tigrinja u l-Qorti qed tinnomina lil Sium Yimesghen Major sabiex taghmel traduzzjoni tas-sentenza mill-lingwa Ingliza ghal-lingwa Tigrinja, liema sentenza a sua volta ghandha tigi tradotta mill-Malti ghall-Ingliz minn Dounia Borg li qed tigi nominata għal tali skop. L-imputati Ayman Abdalhai, Amir Adam, Salim Ali Juma, Redwan Bakhit Ousman Jar Alnabi u Mohamed Khamis Ishac Alnour jiddikjaraw li jixtiequ kopja tas-sentenza bil-lingwa Gharbija u l-Qorti qed tinnomina lil dounia Borg sabiex taghmel traduzzjoni tas-sentenza mill-lingwa Maltija ghal-lingwa Gharbija

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**